Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,222, 4 ta' April, 2008
Taqsima B

A.L. 113 ta' l-2008

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2008 tal-Kors għall-Grad ta' International Master of Science in Sustainable Environmental Resource Management – M.Sc. (SERM) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2008 tal-Kors għall-Grad ta' International Master of Science in Sustainable Environmental Resource Management – M.Sc. (SERM), offrut taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Istudji kif maħtur mill-Fakultà tax-Xjenza wara konsultazzjoni ma' Università Msieħba;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tax-Xjenza;

"il-Grad" tfisser il-grad doppju ta' Master of Science in Sustainable Environmental Resource Management – M.Sc. (SERM) – ta' l-Università u l-Master of Science in Integrated Science and Technology ta' l-Università Msieħba;

"il-Kors" tfisser il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Sustainable Environmental Resource Management – M.Sc. (SERM);

"is-Senat" tfisser is-Senat ta' l-Università ta' Malta;

"l-Università" tfisser l-Università ta' Malta; u

"l-Università Msieħba" tfisser il-James Madison University ta' Virginia, USA.

(3) Dan il-Grad huwa grad ta' Master Internazzjonali ta' l-Università u dan għandu jfisser li l-Kors huwa mgħallem fl-Università bil-kollaborazzjoni ta' Università Msieħba fi ħdan qafas ta' programm għal grad doppju jew mogħti flimkien ma' università oħra. Il-Grad jingħata biss jekk iż-żewġ universitajiet jiddikjaraw li l-istudent huwa eliġibbli biex jingħata l-Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew mill-2008 'il quddiem.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. Il-Kors huwa miftuħ għal applikanti li għandhom grad ta' l-ewwel ċiklu fix-xjenza jew fl-inġinerija jew f'xi qasam ta' studju ieħor li l-Bord iqis xieraq, sakemm li l-grad ta' l-ewwel ċiklu jkun miksub bi klassifikazzjoni tat-tieni klassi bl-unuri jew aħjar, jew klassifikazzjoni ekwivalenti.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time*.

(2) Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jestendu l-istudji tagħhom b'mhux aktar minn semestru.

Ir-Reġistrazzjoni għall-Kors

5. L-applikanti li jixtiequ jirreġistraw għall-Kors għandhom japplikaw fuq il-formola preskritta jew *on-line* fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

Il-Programm ta' l-Istudji

6. Il-programm ta' l-istudji huwa magħmul minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 kredtu ECTS, li jinkludu taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 60 kredtu ECTS u l-kitba ta' dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 30 kredtu ECTS. Il-programm ta' l-istudji għandu jkun ippubblikat mill-Bord mhux aktar tard minn sitt xhur qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Katalgu ta' Taqsimiet Studju

7. Il-Bord għandu jħejji katalgu ta' taqsimiet studju. Il-katalgu għandu jindika l-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni, ir-riżultati tat-tagħlim, it-tip ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-katalgu għandu jinkludi wkoll il-linji gwida dwar kif titħejja d-dissertazzjoni u d-difiża orali tagħha. Il-Bord għandu jippubblika l-katalgu għall-Kors qabel il-bidu tiegħu, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Valutazzjoni

8. (1) Ir-riżultati tal-valutazzjoni tat-taqsimiet studju u tad-dissertazzjoni għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali, b'45% tkun l-anqas marka biex tgħaddi.

(2) L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju mgħallma jitħallew joqogħdu għal valutazzjoni supplimentari darba biss. Il-valutazzjoni supplimentari ta' taqsima studju għandha ssir fis-sessjoni ta' l-eżamijiet skedata li jmiss (Mejju jew Settembru) skond il-każ. Fil-valutazzjonijiet supplimentari, l-ogħla marka li tista' tingħata hija 45%. Jekk jeħlu, l-istudenti jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

(3) L-istudenti ma jistgħux ikunu valutati mill-ġdid għal taqsima studju li għaliha jkunu diġà ngħataw kredtu.

Id-Dissertazzjoni

9. (1) Ix-xogħol għad-dissertazzjoni għandu jsir matul it-tielet semestru tal-Kors. Jinħatar superviżur għal kull student li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi kontinwa matul il-perijodu ta' studju.

(2) It-titlu tad-dissertazzjoni u proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu approvati mill-Bord mhux aktar tard minn xahrejn qabel il-bidu tat-tielet semestru.

(3) Id-dissertazzjoni normalment m'għandiex tingħata lill-Bord ta' l-Eżaminaturi mingħajr l-approvazzjoni tas-superviżur.

(4) L-istudenti huma meħtieġa li jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom. Is-superviżur jista' jagħti parir lill-Bord, bil-miktub, dwar il-livell milħuq minn student; dan il-parir jista' jirrakkomanda jew (a) li jingħata estensjoni tal-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) li jintemmu l-istudji qabel iż-żmien jekk is-superviżur iqis li fiċ-ċirkostanzi dan huwa xieraq,

sakemm li (i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skond il-paragrafu (2) tar-regolament 4; u (ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel iż-żmien skond (b) qabel ma l-istudent jingħata ċ-ċans li jesprimi ruħu dwar ir-rakkomandazzjoni.

10. (1) Id-dissertazzjonijiet ippreżentati għall-Grad għandhom:

(a) ikunu xogħol ta' natura avvanzata jew oriġinali li sar mill-istudenti matul il-Kors u l-preżentazzjoni ta' l-iskoperti u l-konklużjonijiet tagħhom f'dokument miktub b'manjiera akkademika skond linji gwida speċifikati;

(b) jissodisfaw lill-Bord ta' l-Eżaminaturi dwar il-kontenut u l-preżentazzjoni; u

(ċ) jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha rigward il-format u l-preżentazzjoni kif stipulat fil-linji gwida rilevanti.

(2) L-ebda dissertazzjoni ma tiġi aċċettata jekk tkun identika fis-sustanza ma' xi dokument li diġà ġie mdaħħal għal xi grad f'din jew f'xi università oħra jew għal xi materjal ippubblikat ieħor. Madankollu, l-istudenti m'għandhomx ikunu mwaqqfa milli jinkorporaw xi xogħol diġà ppreżentat qabel jekk dan ikun meħtieġ għall-preżentazzjoni u għall-fehim isħeħ ta' l-espożizzjoni tagħhom, sakemm li n-natura u l-volum tax-xogħol inkorporat ikunu indikati b'mod ċar fid-dissertazzjoni nnifisha.

(3) L-istudenti għandhom jippreżentaw tliet kopji llegati tad-dissertazzjoni lill-Fakultà, li waħda minnhom tinżamm fil-librerija ta' l-Università u l-oħra fil-librerija ta' l-Università Msieħba.

L-Eżami tat-Taqsimiet Studju u tad-Dissertazzjoni

11. (1) Jkun maħtur Bord ta' l-Eżaminaturi għal kull taqsima studju evalwata b'eżami bil-miktub u/jew orali skond il-provvedimenti tar-Regolamenti ta' l-Eżamijiet ta' l-Università.

(2) Għall-eżami tad-dissertazzjoni, il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu normalment ikun magħmul mis-superviżur u minn tliet membri oħra li jinkludu eżaminatur barrani li jkun maħtur minn istituzzjoni għajr din l-Università jew l-Università Msieħba.

(3) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għad-dissertazzjoni għandu jeħtieġ li l-istudenti jiddefendu d-dissertazzjoni oralment quddiemhom. L-eżaminatur barrani m'għandux għalfejn ikun preżenti għad-difiża orali.

(4) L-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom titqies mhux sodisfaċenti jistgħu jew jeħlu jew ikunu meħtieġa mill-Bord ta' l-Eżaminaturi jerġgħu jiktbu d-

dokument kollu jew parti minnu u jerġgħu jissottomettuh għall-eżami. L-istudenti jistgħu jerġgħu jissottomettu d-dissertazzjoni mhux aktar tard minn erba' xhur minn meta ġew informati bid-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Eżaminaturi.

L-Għoti tal-Grad

12. (1) L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk huma jiksbu l-kredti kollha assenjati għat-taqsimiet studju fil-programm ta' l-istudji, kif indikat fir-regolament 6, b'Marka Medja Finali Mwieżna ta' mhux anqas minn 50%.

(2) Meta l-Bord jaħdem il-Marka Medja Finali Mwieżna għandu jqis il-komponenti kollha tal-Kors u għandu wkoll jiddeċiedi dwar il-klassifikazzjoni tal-Grad.

(3) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku u kklassifikati kif ġej:

Marka Medja Finali Mwieżna	**Klassifikazzjoni**
80 – 100%	Għadda b'Distinzjoni
70 – 79%	Għadda b'Mertu
50 – 69%	Għadda.

Iċ-Ċertifikat tar-Rikonoxximent

13. Iċ-ċertifikat mogħti mill-Università għandu jinkludi dikjarazzjoni li tindika li l-Università Msieħba tat separatament grad għat-tmiem b'suċċess ta' l-istess Kors.